SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru. 31/K8/17**

Data tal-laqgħa: 22 ta' Mejju 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (1)**

Il-Kunsillier Martin John Sultana – Inc. 2989/17

**Assenti:** (2) – Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg
Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

31.1.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa.

31.1.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

31.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 30/K8/17 għall-approvazzjoni.

31.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 30/K8/17.

31.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

31.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament

**Punti mqajma mill-Minuti**

31.2.05 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni li kien hemm dwar attivita' min-naħa tal-Valletta18 li kellha issir f'Pjazza Spinola, din mhux ħa ssir.

31.2.06 Is-Segretarju spjega li l-festival ta' l-Festa ta' Lapsi ġie pospost minħabba li ser issir l-elezzjoni.

31.2.07 Fir-rigward il-korrispondenza mingħand it-TCTC dwar korsijiet għat-tfal, il-Kunsill għadu qiegħed jistenna min-naħa tar-Reġjun.

**31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.3.01 Is-Segretarju spjega kif ħareġ il-permess fir-rigward it-taraġ ta' Scicluna fejn dan ġie approvat. Għaldaqstant issa għandu jinħareġ *tender* u l-Kunsill ser ikun qiegħed juża l-fondi tal-UIF.

31.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser issir konferenza dwar enRute Conference :Evidence-based Planning for Greener Cities li ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsillier Edgar Montanaro wera l-interess li jattendi.

31.3.03 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand is-Sur Edward Mallia b'talba sabiex isiru *bins* biex jintremew sigaretti ġo dawn il-bins, wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta minħabba li ġewwa l-promenade m'hemmx spazju għal aktar reklami.

31.3.04 Għanda tintbagħat ittra lit-Transport Malta fir-rigward l-istat tat-triq li hemm ħdejn il-Bus Stop fi Triq il-Kbira int u sejjer lejn il-Barracuda.

31.3.05 Is-Segretarju qajjem il-punt dwar Ġieħ San Ġiljan li saret nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017 li kien suċċess u rringrazzja lill kull min attenda kif ukoll lill-Kunsillier Clayton Luke Mula talli mexxa u ppreżenta din is-serata.

31.3.06 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar meta ser issir il-laqgħa fuq il-mozzjoni, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017 fil-5.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

31.4.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija min-naħa tal-Kunsilliera.

**31.5 Risposta għall-*Management Letter***

31.5.01 Is-Segretarju spjega l-proċedura ta' kif issir ir-risposta għall-Management Letter, fejn il-Kunsill jirċievi *Draft tal-Management Letter* u l-Kunsill jirrispondiha u din tiġi riveduta.

31.5.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mar-risposta għall-*Management Letter* kif proposta mis-Segretarju.

**31.6 Sitwazzjoni rigward it-tender tal-knis;**

31.6.01 Is-Segretarju ta spjegazzjoni dwar it-*tender* tal-knis fejn il-Kunsill kellu appell min-naħa tal-kuntrattur tal-*Waste Collection* u dan intrebaħ favur il-Kunsill. Wara dan l-appell, infetaħ mandat ta' inibizzjoni min-naħa tal-kuntrattur Premier. Is-Segretarju kellu laqgħa mad-Direttur tal-Kunsill Lokali is-Sur Adrian Mifsud fejn ġiet diskussa din il-materja. Filwaqt li nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 2017 ser tinstema' l-ewwel kawża ta' dan l-inibizzjoni. Kif ikun hemm is-sentenza tal-Qorti, il-Kunsill għandu jagħti l-kuntrattur abażi tad-deċiżjoni li kienet ittieħdet li jingħata lil Galea Cleaning Solutions JV.

## 31.7 Talbiet żgħar;

### 31.7.01 Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola. (Inc. 2113/17)

31.7.01.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joħroġ ċekk għall-ammont li l-Kunsillier is-Sur Clayton Luke Mula ħareġ biex iħallas, minħabba li hu ħariġhom min-naħa tiegħu.

### 31.7.02 Talba għall-permess ta' Big Screen (Inc. 2594/17)

31.7.02.01 Saret riferenza għat-talba għall-permess ta' *Big Screen*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 2017, iżda l-Kunsill qiegħed joġġezzjona li ssir fit-3 ta' Ġunju 2017 minħabba li tkun viċin l-area ta' fejn ser isiru l-votazzjonijiet ġewwa l-lokalita'. Il-Kunsill qiegħed jaqbel li jinħareġ il-permess mill-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 2017 **biss** dment li l-applikant ikollu l-approvazzjoni min-naħa tal-Pulizija u mingħand l-istabbilimenti tal-madwar ta' fejn ser issir l-attivita'.

### 31.7.03 Talba għal ħarġa għall-anzjani. (Inc. 2677/17)

31.7.03.01 Saret riferenza għat-talba għal ħarġa għall-anzjani organizzata, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

### 31.7.04 Ittra mingħand Valletta18 dwar attivita' kulturali (Inc. 2827/17)

31.7.04.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand Valletta18 dwar attivita' kulturali, wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa.

### 31.7.05 Fondi tal-UIF (Inc. 2936/17)

31.7.05.01 Saret riferenza għall-Fondi tal-UIF. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jekk il-Kunsilliera għandhom xi ideat jistgħu jgħadduhom lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għal dawn il-fondi u li l-ammont mitlub mill-*Cleansing Service Directorate* mhux ser jiġi kkontestat.

### 31.7.06 Ħlasijiet għas-servizz tal-*Cleansing Service Directorate* wara l-attivita' San Patrizju (Inc. 2991/17)

31.7.06.01 Saret riferenza għall-ħlasijiet għas-servizz tal-*Cleansing Service Directorate* wara l-attivita' ta' San Patrizju, wara diskussjoni

qasira ġie deċiż unanimament li kull min ħallas l-ammont ta' €100 bħala depożitu għall-festa San Patrizju din għandha tingħata lura.

**31.7.07 Talba għal realokazzjoni tal-*bicycle stands* (Inc. 3086/17)**

31.7.07.01 Saret riferenza għat-talba ta' realokazzjoni tal-*bicycle stands*, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir ir-realokazzjoni tal-*bicycle stand* mitluba. Filwaqt li għandu jintalab lill-applikant biex jagħmel tabelli min-naħa tiegħu ħdejn il-*bicycle stands* li għandu fil-lokalita' sabiex ma jsirx sewqan ta' roti fuq il-bankini.

**31.7.08 Talba għall-*Taxi Stands* quddiem l-Intercontinental Hotel fi Triq Santu Wistin.**

31.7.08.01 Saret riferenza għat-talba għal-taxi stand quddiem l-Intercontinental Hotel fi Triq Santu Wistin, wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li diġa hemm taxi stand ftit metri 'l bogħod u li hemm limitazzjoni ta' parkeġġ fiż-żona.

**31.7.09 Talba mingħand l-ERA fuq il-proġett ta' l-ITS (Inc. 3122/17)**

31.7.09.01 Saret riferenza għat-talba mingħand l-ERA fuq il-proġett ta' l-ITS, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li minħabba li l-Kunsill ma kellux dettalji tal-proġett kif ukoll kien hemm żmien qasir biex nagħtu l-kummenti tagħna, l-Kunsill qabel li m'għandux jikkummenta.

**31.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti**

31.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

31.08.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

31.08.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

**31.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets**

31.09.01 Is-Segretarju ressaq il-Purchase Request Sheets min-nru. 4187 sa 4196.

31.09.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

31.09.03 Ġie ssuġġerit li għandhom jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-triq ta' l-akwati ta' The Gardens.

**31.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

31.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 fl-4.00p.m.

31.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 22 ta' Mejju 2017